# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Loriane Mifsud

Illum 25 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Loriane Mifsud bint Louis Mifsud u Catherine nee Dalli imwieled fil-18/02/1991 u joqghod Pearl Court, Fl 3, Triq Mons Alfons Caruana, Mqabba.

Billi int akkuzat talli fit-8 ta' Awwissu, 2020 ghall-habta ta' 19.00 hrs, f'Triq Hal Qormi, Hamrun soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni CBR 096.

1. B'manjiera traskurata,
2. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' George Mifsud skond kif iccertifika Dr. Leonard Callus M.D. mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Rat l-artikoli 15(1)(a) (2) tal Kap 65 u Artikolu 226(1)(c) (b  tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet x-xhieda tal-imputat..

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**Dr. Mario Scerri,** xehed hekk

Xhud: Iva nahlef, dan kien b'ordni ta' din il-qorti kont ġejt inkarigat neżamina l-Gorġ Mifsud eżaminajtu nhar 6 t' Ottubru 2022, dan allega illi madwar sentejn qabel kien miexi fi triq f' ħal-Qormi il-Hamrun meta hemm intlaqat minn vettura. Dana ittieħdulu l-X-Rays fejn irriżulta illi kellu primary impact fuq il-qadd tal-lemin u kellu wkoll xi ġrieħi fl-ispalla leminija ittieħidlu X-ray dak iż-żmien nhar 11 t' Awissu 2020 u fl-X-Ray jinstab illi hemm fl-ispalla ma kien hemm xejn. Kien idejh iċaqlaqa normali d-driegħ iċaqlaq iċaqlaqa normali wkoll.

Qorti: Inti qed tgħidli liema data għax jiena li għandi ċertifikat tat-8 ta' Awwissu. Iġifieri reġa' iddahhal dan?

Xhud: Jiġifieri l-ewwel iddaħħal l-isptar Mater Dei u ħadulu X-Ray jiena explain li rajt ttieħed nhar 11 t'Awwissu 2020 jumejn wara. L-X-Ray kien tan-naħa tal-lemin tal-att dana kien normali ittieħidlu X-Ray ukoll tal-ispalla leminija u tal-polz tal-lemin kienu kollha normali iżda ġie rrappurtat illi kien hemm evidenza ta oseoarthritis changes fl-ispalla li huma changes normali tal-età, dan kompla jgħidli li baqa' miġugħ u sarlu ultrasound u nhar it-12 ta' Jannar 2021 u ċioe 5 xhur wara l-allegat inċident. Fejn jinstab illi dan kellu incomplete full thickness tare ta l-ispina hemm supraspinatus to standard tal-ispalla. Jiġifieri kellu traumeatic tare the r-riżultat ta trawma. Dehret fl-ultrasound għax l-X-ray kien normali kien hemm ukoll evidenza ta' mard u moderate acromeo calvicular joint degeneration li tiġi bl-eta dik mhix trawmatika.

Qorti: Dit-tare li qed tgħidli.

Xhud: Gej ghaliha tare tista' tkun riżultat ta trawma jekk jekk tkun gravi perdurata' pero t-trawma ma tistax tgħaddi trawma ma' dan l-inċident setgħet kienet trawma oħra, pero is-sintomi baqgħu il-għaliex għandu deġenerattiv changes tal-età. Jiġifieri biex nispjega meta kellu trawma X-rays ġew normali baqa' mugigh u ħa ultrasound kellu dan it-tare ma tistax tgħaqqad dan it-tare aktar ma l-inċident għax jista' jkun hemm it-traumatic apparti minn dan is-sintomi mhux minħabba t-tare għandu ħafna … … … changes li qed jipproduċu,

Qorti: Jigifieri il-posizzjoni mhux ċara.

Xhud: Mhux hekk.

Qorti: Minn tal-inqas fil-kriminal mhux ċara.

Avu: Din l-osteoarthritis illi illi inti qed issemmi mela naqblu li dik qed jiġri bl-età u hija kundizzjoni mhux minħabba xi inċident tat-traffiku ma seħħx hekk?

Xhud: Le. Issa minħabba din il-kundizzjoni jista jkun li dak li jkun forsi iwettqu, apparti li is-sintomi huma iżjed awmentati pereżempju anke jekk jaħbat hu waħdu ma stationery object ukoll li weġġa'?

Xhud: Le tare hija grievious perdurata, u rizultat tat-trawma huwa diffiċli biex taqdu ma' dan l-inċident għax anke jekk ħabat kien ikollu hekk. Meta seħħ l-inċident u sarlu X-ray xejn ma rriżulta xejn.

Avu: Issa pero dakinhar tal-inċident ħareġ ċertifikat ta' slight?

Xhud: Naqbel.

Avu: Tajjeb issa il-kundizzjoni bħal din fuq kull persuna forsi ta' ċertu eta aħna rajna għandu jkun gahndu over 70.

Qorti: Ghandu LCW. Laceral … Wound hu hekk?

Xhud: Ijja imma m`ghandux ta huwa mhux LCW kellu meta rajtu jiena ma kienx hemm ċikatriċi tagħha.

Qorti: LCW cut ghanfi hawn jiena over right elbow fl-affidavit.

Xhud: Lili ma ghoriniex cuts,

Qorti: Inti rajtu diversi xhur wara nassumi din fieqet sa dak in-nhar jekk kellu.

Xhud: Le le ara jiena din l-X-Ray tal-l-ispallejn qed tgħid trauma with left shoulder due to a … qed tghid din terga ma semmietx incident tat-traffiku. Dan qed tgħid illi fl-8th eżaminatu U ma ħaditx X-Rays hawn jien ghalhekk l-X-Rays li qed nara li l-11th, jiġifieri meta ċ-ċertifikat it-tabiba issa jew kien inċident ieħor.Jiena meta dan jien niċċekkja l-X-ray datata 11 tax-xahar. Jiġifieri jumejn wara l-X-ray ma kien hemm xejn baqa' symptomatic ftit xhur wara ħaduhulu għal ultrasound hawn u kellu tare, tare huwa traumatic.

Qorti: Għax issa li qisu jifdal forsi hemm am talking in generics hawn LCW xorta tiġi ħafifa imma hemm miktub fall.

Xhud: Imma LCW jekk hija fl-8th u tidher tiġi tidher imma jien mort jien ma semmijiliex. Jiena meta eżaminajt u ma semmieli xejn. Minn fuq l-ispalla u jiena eżaminajtu l-ispalla kellu xejn daqsxejn fit-tnejn imma ma setax' jagħmel rotation tajjeb għax għandu daqsxejn. Jiena u eżammejnatu. Hawn min ikollu advance osteoarthritis iktar

minn haddiehor. Kellu is sintomi bejn forsi kellu storja ta trawma u kellu la kellu lis-super spenatus imċarrat u ma tistax it-trawma tassoċjah ma' dan l-inċident hemm aħna.

Avu: Iva meta qed ngħidu li għandna persuna li għandu din il-kundizzjoni l-osteathrirtis x'naf jien qed ngħid sew illi jkun bniedem prone li jew jaqa' iżjed,

Xhud: Mhux neccessarjament dan.

Avu: Bħala ġrieħi bħala ġrieħi naqblu anke jekk pereżempju joloqt ta' stationery object ċertu qawwa jaf iħoss l-uġiegħ?

Xhud: Idum iżjed jkarkar.

Avu: Anke jkun sempliċi imma stationary object?

Xhud: Iwa.

**George Mifsud,** xehed hekk **:**

Avu: Fen toqghoid sinjur?

Xhud: Hamrun.

Avu: Issa kellek tista tispjega daqsxejn jekk kellek xi inċident fil-Hamrun fejn mort nagħmel rapport dwaru?

Xhud: Jiena kont qiegħed hemmhekk int u sejjer għall-Hal-Qormi.

Avu: Meta?

Xhud: Kien 8 ta` Awwissu, 2020.

Avu: Tiftakar il-ġurnata?

Xhud: Ġurnata kienet is-Sibt.

Avu: U spjegalna daqsxejn x' ġara biex mort l-għassa tagħmel rapport?

Xhud: Kont qiegħed fuq il-bankina l-oħra ħarist l-hemm u l-hawn biex nara jekk hux ġejjin karozzi u jiena qsamt. Kif qsamt sieqi tfajta fuq il-bankina giet karozza tagħtni daqqa fil-ġenb fil-ġenb taghha u tefatni fuq il-bankina.

Avu: Inti saqajk fejn kienu?

Xhud: Kelli sieqi diga fuq il-bankina l-ohra minn bankina ghall-bankina voldieri saqqajja kienet dia fuq il-bankina u laqtitni fil-warrani u tefghatni mal-art.

Avu: X'ġara minn hemm il quddiem?

Xhud: Kien hemm nies ghenuni inqum, qomt, qatli m'għandek xejn inti.

Avu: Min qallek m'għandek xejn?

Xhud: Ix-xufiera.

Avu: Xufier qed taghrafha hawnhekk Gorġ?

Xhud: Xufiera hija bil-qiegħda hemmekk.

Qorti: Mela ix-xhud indika lil imputat.

Xhud: X'qaltlek iktar ix-xufiera?

Xhud: Mbagħad ix-xufiera qaltli jiena sejra qaltli taghmilx ghageb qaltli jiena sejra ghedtilha titlaqx qaltli jiena se nsuq u nitlaq gehdtilha mela mela ha mmur naghmel rapport u bqajt sejjer naghmel ir-rapport.

Avu: Qabel qomt l-ghassa ix-xufiera qaltlek diskors iehor jekk qaltlek spjegalna x'qaltlek?

Xhud: Lili ma qaltli xejn kull ma qaltli, u jiena bqajt qaltli m`ghandek xejn jien tlaqt u jiena bqajt sejjer l-ghassa ghax kien hem in-nies bdew jaghmluli mur l-ghassa ghandek in-

numru taghha tal-vettura u kollox  mort l-ghassa, l-ghassa qalli mur il-Furjana qalli biex iġibilna ċertifikat.

Avu: Il-kundizzjonijiet ta' dakinhar tat-triq xemx it-temp kif kienu?

Xhud: Is-sajf kien Awwissu, mma xemx mhux ħa ngħidlek ġejja minn hemm jew ġejja minn hawn.

Xhud: Għaliex hija importanti x-xemx spjegalna daqsxejn spjega lill-Maġistrat qaltlek xi ħaġa dwar ix-xemx?

Xhud: Qaltli bix-xemx ma rajtekx mil-genb tajritni hi.

Avu: Issa sur Mifsud, dankollu ghedtulhom lill-pulizija?

Xhud: Ijja mela.

Avu: Għandek xi ritratti, tippreżentahom please?

Xhud: Hi ġejja minn strada rjali minn hawnhekk.

Qorti: Kemm ir-ritratt ghandu?

Xhud: Tnejn.

Qorti: Inti ghedt tlajt fuq il-bankina għal-liema bankina qed tghid ghidli fuq ir-ritratti u ghamel sinjal fuq ir-ritratti? Mela fejn hu tond fejn wasal biex nifthemu?

Xhud: Iva, il-karozza tas-sinjura minn fejn kienet gejja ghandek idea mill-liema triq?

Xhud: Ġejja minn strada rjali fejn il-knisja tal-Hamrun l-isfel daret mal-ħanut ta' Johnny's Bar li hemm fil-kantuniera u sejra lejn Hal-Qormi. Issa hemmhekk suppost tieqaf bilfors.

Qorti: Issa halli min ghandu jieqaf dik storja ohra.

Avu: Sur Mifsud fit-triq li kellek dan l-incident inti sfajt vittma ta`dan l-incident hemm xi Bar tispjegalna daqsxejn x'jismu?

Xhud: Barijiet għandek 2 għandek wieħed ġos-barra hawn Johns Bar u l-ieħor Marisa, qiegħed faċċata tat-triq minn fejn qsamt, għax aħna bl-ismijiet u hekk jew bil-laqmijiet.

Avu: Jien m'għandix iktar domandi.

Avu2: Kontro Ezami, ara sur Mifsud mela inti spjegajtilna li inti qsamt jekk qed nifhem tajjeb min-naħa tal-Liberty bar naqblu?

Xhud: Min-naħa ta hemmekk qsamt hekk.

Avu2: Inti minn fejn ikun ġej jekk jogħġbok?

Xhud: Minn Hal-Qormi ok pero minn fejn kont ġej jekk jogħġbok?

Xhud: Mill-bankina ta` lil hemm.

Avu2: U qabel il-bankina fejn kont jekk jogħġbok?

Xhud: Jiena ġo tal-linja inzilt minn tal-linja.

Avu2: Mela spjegalna nara fejn inżilt minn fuq tal-linja jekk jogħġbok?

Xhud: Hemm Qormi road hemm l-istage.

Avu2: Ok u l-istage hija iżjed l-isfel naqblu minn fejn lok ta' l-inċident, jiġifieri mhux fid-direzzjoni tal-belt pero direzzjoni iżjed taċ-ċentru tal-ta' Hamrun jew direzzjoni lejn ħal-Qormi naqblu?

Xhud: Direzzjoni ta' ħa-Qormi hawn ġej minn ħal-Qormi. Għal-Hamrun.

Avu2: Jiġifieri tal-linja waqfitek tajjeb jekk inti qed turina hawnhekk sinjura Maġistrat hawn sign Johnny's Bar tal-linja ma waqfitx hawn fuq fejn fejn l-istop sign tal-linja waqfet hekk iżjed il-ġewwa go din it-triq?

Xhud: Le le le le.

Avu2: Iżjed il-ġewwa u ġo din it-triq naqblu?

Xhud: Le le.

Xhud: Tal-linja,

Avu2: Ha nirreferiek ghall-DOK GM fejn inti ghamiltilna salib umbaghad is-salib bic-circle u din hija t-triq li taghati ghall-Hal-Qormi tajjeb, ngħid sew illi inti tal-linja skond int ma waqfitekx eżatt fejn hawn il-karozza tidher sewda hawn karozza tidher sewda DOK GM,

Xhud: Ma tistax ghax dik one way.

Avu2: Qed nistabbilixxi l-fatt, tal-linja fejn waqfitek jekk jgħġbok?

Xhud: Hemmekk ma tistax taghddi sewwa tidhol ghall-Hal-Qormi tista gahx dik one-way iktar fil-baxx tgħaddi. Sewwa tidħol għall-aħħar u r-rimi tista' għax dik one-way issa inti għandek it-triq hekk li tieghla minn ħal-Qormi

toħroġ għal-strada rjali, hawnhekk għandek stage mela jiena inzilt minn dak l-istage. x'ifisser.

Avu2: Jiena li nixtieq nistabbilixxi tal-linja fejn waqfitekx ma waqitekx qrib il-punt fejn kellek l-inċident pero waqfitek fl-istess triq fejn kellek l-inċident pero iżjed l-isfel direzzjoni lejn ħal-Qormi naqblu?

Xhud: Ijja,

Avu2: Imbagħad allura inti imxejt skont inti waqqfitek  iktar linja iżjed l-isfel imxejt il-fuq direzzjoni lejn il-Belt ġo l-istess triq,

Xhud: Le fuq il-bankina l-oħra.

Avu2: U qsamt.

Xhud: Għax kien hemm anzjana qsamna jiena u hi minn fuq l-istage għall fuq il-bankina l-oħra hi qabdet it-triq telqet lejn il-Marsa u jiena gbidt għall Hamrun strada rjali.

Avu2: Jekk ikolli nissuġġerilek illi inti kont għadek ħiereġ mill-Bar li hemm eżatt faċċata jiġifieri wasalt btal-linja, mort ġewwa l-Bar u mbagħad qsamt minn ġol-Bar għan-naħa l-oħra tat-triq naqblu?

Xhud: Le jien gol-Bar ma dhaltx.

Avu2: Ok, issa inti spjegajtilna wkoll illi kien hemm dan l-inċident, Is-sinjura, Lorraine Mifsud naqblu li ħarġet minn ġol-karozza?

Xhud: Ħarġet ittawwlet lejn il-karozza u ghedtilha  irranġajtni.

Avu2: Mela, hi qaltlek la qomt m`ghandek xejn skond hi, mela ara nghidx tajjeb illi inti sa x`hin harget il-klijenta tieghi sa x`hin harget Lorraine Mifsud minn gol-vettuta taghha int kont diga ilhaqt qomt bil-wieqfa naqblu?

Xhud: Qajjmuni gheuni nqum in-nies.

Avu2: U qomt bil-wieqfa, issa dak il-hin nqablu li din mhux ħarbet minn fuq il-post?

Xhud: Setghet offriet li jew tohodni il-clinic mhux ttitlaq ghax m`gahndek xejn.

Abu2: Jekk ikolli nissugerilek saqietek x`ghandek u x`a ghndekx u inti dak il-hin inti ghedtilha li m`ghandek xejn tiftakruh dan id-diskors?

Xhud: Le.

Avu2: Issa fuq domanda tal-Qorti il-klijenta tieghi waqfet ghall-ftit minuti u telqet minnf fuq il-post naqblu?

Xhud: Aqqas ghamelt zewg sekondi ghax qaltli m`ghandek xejn.

Avu2: Issa jekk ikolli nissuġġerilek illi minn fejn waqajt inti. Iżjed l-isfel kien hemm zebra crossing, mela aħna stabbilixxejna illi tal-linja waqfitu iżjed l-isfel fl-istess triq direzzjoni lejn ħal-Qormi jekk ikolli nissuġġerilek allura li mill-impatt tal-inċident iżjed l-isfel direzzjoni lejn ħal-Qormi, kien hemm zebra crossing taqbel miegħi?

Xhud: Zebra crossing hemm u kieku kien hemm qabel sewwa imma bit-trakkijiet li jħottu l-affarijiet għall-ġoll-ħwienet fuq zebra cross ara llum għamluha double line biex ma jipparkja ħadd.

Avu2: Pero bhala stat ta' fatt qed naqblu li kien hemm zebra crossing hux hekk?

Xhud: Hemm zebra crossing imma ħadd ma tistax ma tistax.

Avu2: Iva jew le hemm zebra crossing u bħala stat ta' fatt ukoll din qiegħda iżjed l-isfel direzzjoni lejn ħal-Qormi minn fejn inti waqajt u kellek dan l-inċident naqblu?

Xhud: Ijja.

Avu2: U naqblu wkoll allura issa forsi ħa ngħid l-ovvju li inti ma qsamtx minn fuq iz-zebra crossing bħala stat ta' fatt?

Xhud: Ma tistax taqsam.

Avu2: Ma qsamtx pero minn fuq zebra crossing?

Xhud: Għax biex taqsam trid toħroġ rasek il-barra u jtajjruwielek.

Avu2: Issa jekk ikolli nissuġġerilek illi inti l-għada mort tagħmel rapport l-għassa u mhux dakinhar stess?

Xhud: Le dak in-nhar stess mort.

Avu2: Ikolli ngħidlek li r-rapport daħal l-għada inti l-għada mort skond il-karti tal-pulizija?

Xhud: Ha ngħidlek ġara, iżda jiena mort l-ghassa ghamilt ir-rapport, Meta għamilt ir-rapport l-għassa bagħtuni il-Furjana x`hin mort ħadtilhom mill-karta jiġifieri li tawni mill-Floriana, is –surgent qalli tidħolx għaliex għandna persuna bil-virus.

Avu2: U allura x'għamilt?

Xhud: Ghedtlu allura meta ħa niġi qalli ejja għada mort l-għada.

Avu2: Jekk ikollu nissuġġerilek illi f'dak iż-żmien fis-sena 2020 jew ftit qabel mhux l-ewwel darba li inti waqt li kont barra

fit-triq waqajt u kellhom jieħduk bl-ambulanza l-isptar, tikkonfermah dan li kellek xi inċident wieħed jew 2 f'dan is-sens?

Xhud: Le qatt.

Avu2: Qed tiċħad bil-ġurament.

Xhud: Le għax qed ma wassluni li weġġejt u ħaduni bl-ambulanza l-isptar.

Avu2: Qatt kellek inċidenti fejn inti waqajt?

Xhud: Waqajt, waqajt darba voldieri kien hemm briksa U dil-briksa mort biex naqbeżiha hekk u sieqi l-oħra ma tgħtniex u waqajt u kont xaqaqt l-ghadma t`hawnekk.

Avu2: Jekk ikolli nissuġġerilu li kien hemm iżjed inċidenti fejn waqajt u spiċċajt mort l-isptar għal-kura ta jiġifieri aħna qed ngħidu xejn straordinarju tikkonfermah dan?

Xhud: Ghall-kura habba idejja.

Avu2: Jekk ikollu nissuġġerilek li kien hemm inċidenti oħra apparti dak?

| | |
|---|---|
| Xhud: | Imbagħad meta tgħid li l-ġibs kont qiegħed bilqiegħda jiena mort biex inqum għamilt hekk u reġgħet faqqatli ma kienx hemm xi snin u lanqas xhur kbar. |
| Avu2: | U kien fl-istess perjodu? |
| Xhud: | L-istess id. U regget faqqet. |
| Avu2: | Tiftakar x' ħin kien bejn wieħed u ieħor meta seħħ l-inċident? |
| Xhud: | Kien is-sibt wara, nofs in-nhar wara 12:00 ngħidu aħna kienu xi 8.00 ta ma niftakarx ezatt il-hin. |
| Avu: | Ri Ezami, Sur mifsud inti tispjega daqsxejn il-qorti kemm għandek żmien? |
| Xhud: | Jiena għandi 73. |
| Avu: | U tul hajtek kollha kemm il darba waqajt? |
| Xhud: | L-iktar li waqajt dawn id-darbtejn għax dawn id-darbtejn ksirt idejja. |
| Avu: | M`ghandix iktar domandi. |

**Lorraine Mifsud,** xehdet hekk

Avu: Inti smajt lil George Mifsud jixhed u taha l-verżjoni tiegħu ta' dan l-inċident ħa nibdew pass pass. Spjega nara li l-Qorti dak iż-żmien f'Awwissu 2020 fejn kont taħdem spjega naqra lill-Qorti lil-Maġistrat fejn kont taħdem?

Xhud: Jiena dakinhar kont jiena nurse naħdem Karen Grech ma l-anzjani li jkunu waqgħu u weġġgħu qegħdin rijabilitazzjoni u dakinhar jiena kont day duty, jiġifieri mis-seba' neqsin kwart ta' filgħodu sas-07:10 ta' filgħaxija. Jiena wara li nagħti l-handover irrid immur ovvjament inbbidel u ma nistax nitlaq mix-xogħol bl-uniformi allura kienu qarbu 7.20 meta tlaqt. Issa minn Karen Grech sal-Hamrun ma tantx hemm boghod so ejja ngħidu li ġebbidt 5 mins forsi in suq sakemm wasalt fuq il-post fejn ġara din li ġara. Issa jiena meta kont qed insuq.

Avu: Fejn kont sejra għedtilna li kont xogħol?

Xhud: Kont sejra direzzjoni li l-Imqabba fejn noqgħod jien u kont ghaddeja mill-Hamrun sewwa issa kif kif turi dik it-triq biċ-ċar meta tkun ħriġt minn ħdejn l-għassa tal-tal-Ħamrun irid jċedilek xi ħadd ġej mill-oppost tiegħek, jiġifieri direzzjoni mill-Belt għall-Hamrun għax hija għandek 2 lanes lejn il-Belt u lane wahda tinżel lejn il-Hamrun u inti biex tiġbed lejn ħal-Qormi jrid jiġrilek xi ħadd minn faċċata issa jiena dakinhar cedieli vann abjad wara li jiena waqaft u dort bil-mod issa hemm hekk sewwa trid toqgħod attenta kif iddur għax jista' jkun li min ġej minn wara l-

vann li ċedieli jista jkun daħal minn wara l-vann hu wkoll għax jista jkun sejjer fl-istess direzzjoni tiegħi jista' jkun ukoll ħa jinżel in-niżla għal-parkeġġ ta' Daniels Shopping Complex ovvjament jiena dort bil-mod u kif dort eżatt qed indur bil-mod ovvjament kont diġà waqqaft għax cedieli xi ħadd kif diġa spjegajtlek nara raġel niżel mill-bankina u laqatli ll-karozza mill-ġenb. U fil-ħin u l-mument sakemm brejkajt lahaq waqaf umbaghad jiena ħriġt mill-karozza u sakemm ħriġt kien diġà tela' fuq saqajh.

Avu: Issa ma nafx jekk għandekx.

Qorti: Jigifieri inti qed tghfi kien għadu kif niżel mill-bankina mhux kien qasam it-triq?

Xhud: Hu kien diġà fit-triq. Hu kien diġà qasam. Imma kien fuq it-tarf l-ieħor.

Qorti: Jiġifieri kif qasam it-triq u tiela'?

Xhud: Hekk qed nimmaġina jien għax jiena fuq din in-naħa inzertajtu mhux min-naħa l-oħra.

Qorti: Jigifieri qasam it-triq?

Xhud: Ehe hu qal li kien hu qal li qasam kien diġà għamilha l-qasma kif xtaq hu tat-triq.

Avu: Ejja noqghodu naqra attenti mhux x`qal,

Qorti: Hi qalet lahaq nizel il-bankina which is different from what she is saying now.

Avu: Ghalekk qed nghidlek ejja insa x`qal hu ahna irridu l-verżjoni tiegħek, jiġifieri inti kif ghext l-inċident dak il-hin.

Xhud: Qasa minn faċċata l-aħħar biċċa għaġġel għax ra lili ġejja.

Qorti: Allura nghid jien ghalfejn am waqaftx jekk rajtu jaqsam?

Xhud: Hu kien diga fuq in-naha l-ohra u l-verita nahseb ried kitla fuq il-bankina u ma lahaqx jew telfitu xi haga f`saqajh.

Qorti: Imma ghax ma waqaftx jekk qed tara dan kollu quddiemek u kont għaddejja bil-mod?

Xhud: Kont ghadejja bilmod hu kien diga lahaq qasam kien diga fuq in-naha l-ohra ghall-liema raguni raġuni imma kien għadu fi triq ma telax. Hu ma kienx fin-nofs quddiemi xejn umabghad kif dort sibtu in-naha l-ohra kien diga qasam.

Avu: Inti għandek xi ritratti li tista' turi lill-Qorti jekk jogħġbok?

Xhud: Tat-triq m'għandhiex tal-karozza li jiġifieri li m'għandi xejn fil-karozza għandi dawn ħadthom l-għada filgħodu. Kien il-Hadd filgħodu.

Avu: U għandek xi ritratti taż-żebra crossing ġo dik it-triq kont urejthom li ġibthom miegħek. Ara jekk humiex fil-fowlder, issa fi x`hin waqaft hrigt mil-karozza inti ghedt lahaq qam wahdu kien hemm xi diskors x`gara?

Xhud: Kienu ingemmghu xi nies hdejh imma xi tnejn jew tlieta l-izjed sew issa jien jekk ghenux biex iqum ma nistax nghid fuqha dik.

Xhud: Jiena mhux ha nabbuza mis-sitwazzjoni il-ver-ta nahdem mal-anzjani li jkunu waqghu u kissru saqajhom ma naħsibx li ħa nara anzjan mal-art. Jiena staqsejtu jekk għandux bżonn l-għajnuna u jekk hux mweġġa' u qalli le, mhux se neskludi l-fatt li ma kontx irrabjata għax ħasadni il-verità, jiġifieri jista' jkun kellimtu b'rabja meta staqsejtu x' ġaralu, imma staqsejtu x' ġaralu.

Avu: Is-sinjur qallek xi haga dak il-hin mela int qed tghdililna ghedtlux ghandux bzonn xi haga dak il-hin qallek m`ghandu bzonn xejn u inti dak il-hin rajtu bil-wieqfa is-sinjur qallek xi haga?

Xhud: Qalli li hu orajt imma mhux qed iħossu li hu muġugħ jew xi ħaġa u mbagħad għedtlu żgur m'għandekx bżonn xejn halli jekk fil-każ naqbad it-triq għax dik it-triq hija triq traffikuża ħafna ħafna għedtlu fil-każ in suq bilmod jekk m' għandekx bżonn xejn u qalli le m' għandu bżonn xejn u

qed nassumi li kif spjega hu kien hemm ħafna nies bdew iħeġġuh biex imur jagħmel rapport.

Avu: Issa inti lis-sinjur smajtu jgħid illi inti għedtlu allegatament li ma rajtux bix-xemx x'għandek xi tgħidli dwar din?

Xhud: Ma kien hemm l-ebda xemx dak il-ħin f'dik it-triq hija mhux vera hija gidba.

Avu: U int il das-sinjur,

Xhud: U jekk kien qed jgħid li hu ma setax jaqsam minn fuq zebra cross dak il-ħin għax ikun hemm il-vannijiet iħottu hija gidba oħra għax dak il-ħin li l-ħwienet kienu magħluqin għax kien ma kien hemm ħadd qed iħott żebra kienet clear.

Avu: Issa apparti din il-kwistjoni inti lis-sinjur għedtilna li fi x'ħin ilmaħtu kien kważi ħa jitla' fuq il-bankina inti taf jekk kienx ħa jitla fuq il-bankina jew niżel minn fuq il-bankina ghax he was so close to the pavement, dik naħseb hemm qbil, pero inti taf jekk kienx ħa jaqsam minn, għadu jibda jaqsam niżel minn fuq il-bankina jew irid jitla' fuq il-bankina?

Xhud: Irid jitla' fuq il-bankina kien għadu kemm jaqsam imma ma laħaqx tela' fuq il-bankina.

Avu: Jiena m' għandix izjed domandi.

Avu2: Kontro Ezami, Is-sinjura Mifsud inti għedtilna li taħdem mal-anzjani hux hekk?

Xhud: Iva.

Avu2: U dakinhar ġewwa partikolari kont ghamilt ġurnata xogħol mhux hekk?

Xhud: Iva.

Avu2: Bdejt ghas-7.00 ta filghodu u lestejt ghas-7 ta' waranofsinhar ta' filgħaxija?

Xhud: Fis-sebgħa u 10.

Avu2: U kont għadek ġejja minn ġurnata sħiħa xogħol u kont qed isuq id-dar hux hekk?

Xhud: Iva.

Avu2: Kont ġejja minn strada rjali dort il-kantuniera hux veru u inti malli dort il-kantuniera ghedtilna rajtu jaqsam fil-fatt rajtu jgħaġġel l-aħħar biċċa tat-triq hux hekk?

Xhud: Iva l-ahhar zewg passi.

Avu2: Ghedtilna li ma kellekx xemx f'għajnejk kont qed tara quddiemek ma kienx hemm vannijiet joskulaw it-triq hux hekk?

Xhud: Iva.

Avu2: Ma kien hemm xejn li jwaqqfek milli jkollok aproper lockout hux hekk?

Xhud: Iva.

Avu2: Rajtu jaqsam saħansitra allura jridu jaqsmu l-aħħar biċċa tat-triq, pero xorta lqattu hux hekk?

Xhud: Hu laqat lili.

Avu2: Il-karozza tiegħek daħlet ġo fih?

Xhud: Jekk trid tispjega hekk inti.

Avu2: Jien m'għandix iktar domandi.

Avu: Forsi kienet timmarka forsi ma nafx ċara l-Qorti probabbilment familjari ma' dik iż-żona fejn iż-żebra crossing għax bdejna ngħidu l-isfel l-isfel forsi timmarka

fejn kienet iż-żebra crossing ħalli jkollna kollox on record sinjura Maġistrat.

**PS 991 Alexander Gauci** xehed permezz ta' Affidavit

**It-Tabib Leonard Callus** xehed permezz ta' Affidavit

**Ikkunsidrat**

Il-'proper lookout" hu mistenni u esenzjali fis-sewqan. L-impuata rat lil George Mifsud jaqsam it-triq tant li innutatu jghaggel sabiex jilhaq in-naha l-ohra. Dan ifisser li kieku kellha "proper lookout" kienet Tevita l-incident. Fic-cirkostanzi kollha tal-kas tara li dan kien sewqan fil-livel ta' traskurat u ssib li l-imputata hatja taz-zewg imputazzjonijiet

**Decide**

Ghaldaqstant wara li Rat l-artikoli 15(1)(a) (2) tal Kap 65 u Artikolu 226(1)(c) (b tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputata hatja tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet fi grad ta` traskurat tikkundanna lil Loriane Mifsud komplessivament ghal multa ta' euro mitejn u tletin (230) u skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal hmistax(15)-il gurnata.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**